**From:** Herrera Jose at MESDC-MIN
**Sent:** Monday, 09 April 2018 17:57
**To:** Muscat Alexander at OPM
**Subject:** Bulebel

Onor. Muscat,

Ippermettili qabel xejn nesprimi s-sodisfazzjoni tiegħi għall-qbil li kien hemm min-naħa ta' dan il-kumitat li laqa' pożittivament il-proposta mressqa min-naħa tal-Gvern li ma jsirx żvilupp fiż-żona magħrufa bħala Wied iż-Żrinġ f'Bulebel. Infakkar li jiena flimkien mal-Ministru tal-Ekonomija l-kollega Chris Cardona, konna qbilna li bħala Gvern għandna nirrevedu dak li għamlu amministrazzjonijiet preċidenti biex jitħares il-wirt tan-naħa t'isfel ta' Malta u b'hekk tiġi salvagwardjata l-art li kienet ġiet identifikata għall-iżvilupp.

Dan qiegħed isir ghaliex komessi li naraw li l-wirt ambjentali kulturali u storiku ta' din iż-żona jiġi mħares.

Tajjeb li ninforma lil dan il-kumitat li fuq inizjattiva tal-Ministeru li jien responsabbli minnu, skattat diskussjoni fi ħdan il-Gvern biex il-protezzjoni li qed nipprovdu din l-art ġewwa Bulebel tiġi salvagwardjata jkun min ikun fil-Gvern fl-interess għal ġenerazzjonijiet futuri.

B'dan il-pass il-Gvern qed juri rieda u determinazzjoni li kwaulnkwe żvilupp propost għandu jkun sostenibbli u fl-interess aħħari tal-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Ġenitilment nitolbok illi fl-assenza tiegħi minħabba li ninsab fuq xogħol tal-Gvern iġġib din il-korrispondenza għall-konjizzjoni tal-membri tal-kumitat sabiex dak li qiegħed jingħad u jiġi propost, jiġu meqjusa bħala parti mill-konsiderazzjonijiet li għandhom jittieħdu quddiem dan il-kumitat dwar din il-materja.

Tislijiet,

Josè Herrera

Jose Herrera
Minister

**t** +356 23886300 **e** jose.herrera@gov.mt | www.environment.gov.mt
Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT,
SUSTAINABLE DEVELOPMENT AND CLIMATE CHANGE

CASA LEONI, ST JOSEPH HIGH ROAD,
SANTA VENERA, MALTA